**‘Litteriżmu għal kulħadd’**

Kontribuzzjoni tal-Professur Grace Grima, Direttur Ġenerali,
Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni.

15 ta’ Novembru 2012
St Ignatius College Siggiewi Primary School

M’hemm l-ebda dubju li dan Ir-Rapport fuq il-Litteriżmu mill-Grupp ta’ Livell Għoli qiegħed jagħti kontribut sostanzjali biex konkretament iniedi diskussjoni wiesa’ dwar il-valur u l-ħtieġa ta’ ħiliet adekwati ta’ litteriżmu fil-ħajja ta’ kull ċittadin irrispettivament mill-eta’ u l-abbilta’.

> *Għandna bżonn nirrealizzaw li l-qari u l-kitba huma ferm aktar minn teknika jew kompetenza. Il-litteriżmu hu dwar l-awtostima u l-abbilta’ li niffunzjonaw u niffjorixxu f’soċjeta’ bħala individwi privati, ċittadini attivi, impjegati jew ġenituri (sommarju paġna 3).*

Malta tilqa’ r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta’ Livell Għoli li għandu l-għan li jtejjeb il-ħiliet fil-litteriżmu ta’ nies ta’ etajiet differenti u li jiżgura li ħadd ma jkun emarġinat jew imġiegħel jgħix ħajja ta’ livell inferjuri minħabba nuqqas ta’ ħiliet fil-litteriżmu.

Dan ifisser li għandna ngħollu l-aspirazzjonijiet tagħna u nħaddnu “viżjoni fejn dak kollu li hu anqas minn 100% (mija fil-mija) fil-litteriżmu funzjonali ma jkun aċċettat” (ktejjeb tas-sommarju, paġna 7). Fir-rapport dan ifisser Livell 3 fil-PISA li certament mhux livell baxx ta’ kompetenza.

Forsi jkun aħjar li nistqarr mill-bidu nett li dan ir-Rapport ma ntemmx b’sempliċi preżentazzjoni li saret f’Settembru li għadda. Wara t-tnedija uffiċċjali tar-Rapport inżammu tliet laqgħat oħra f’livell tal-Unjoni Ewropea li matulhom l-abbozzi tal-konklużjonijiet kienu diskussi, innegozjati u emendati mill-Istati Membri kollha. Fil-fatt l-approvazzjoni finali mill-Istati Membri tar-rakkomandazzjonijiet għad trid tiġi negozjata fil-bidu ta’ Diċembru fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti.

## 1. KOLLABORAZZJONI

Aspett li jitlob ħafna ħsieb hu l-enfasi li hemm tul ir-Rapport kollu fuq il-kollaborazzjoni – il-bżonn li entitajiet u organizzazzjonijiet differenti jaħdmu flimkien.

Għalhekk ir-Rapport ma jħarisx lejn il-litteriżmu bħala li jirrigwardja lis-settur edukattiv biss imma jolqot firxa wiesa' ta' msieħba oħra – dawn jikludu: servizzi tax-xogħol u tas-saħħa, imprenditorija, medja, NGOs, Kunsilli Lokali, Ministeri differenti inkluż dak tal-Finanzi ......  b'hekk l-importanza ta' ko-responsabilta' u ta' appartenenza minn kulħadd. Il-litteriżmu għandu jidher li jappartjeni tul il-firxa kollha tas-soċjeta' u tal-gvern. U għandu jkun ħieles minn kull perjodu ta' żmien dettat mill-politika.

## 2. L-IŻVILUPP PROFESSJONALI TAL-GĦALLIEMA

Ir-Rapport juri li hu neċessarju li ssir riflessjoni fuq il-'kompetenzi' li l-għalliema jeħtieġu biex jgħallmu l-qari. Forsi għandu jkun hemm riflessjoni fuq il-livell ta' preparazzjoni li l-għalliema għandu jkollhom biex jgħallmu l-qari. Ir-Rapport f'Paġna 44 isemmi l-ħtieġa li "dawk li qegħdin fil-proċess biex jilħqu għalliema jiġu mgħallma jiġu mgħotija tagħrif dwar il-litteriżmu għal kull suġġett speċifiku." Għalhekk għandha tkun ikkunsidrata re-evalwazzjoni tal-ħiliet pedagoġiċi li hemm bżonn għat-tagħlim tal-litteriżmu fis-snin bikrin. Irridu nsaqsu lilna nfusna jekk aħniex nagħtu taħriġ biżżejjed lill-għalliema tagħna biex ikunu jistgħu jgħinu kemm lit-tfal li għandhom xi diffikultajiet kif ukoll dawk li jmexxu ħafna. Hu magħruf li kemm il-ħiliet bażiċi ta' *decoding* kif ukoll l-iżvilupp ta' ħiliet kritiċi ta' litteriżmu huma essenzjali għall-iżvilupp mhux biss għall-pjaċir tal-qari imma wkoll biex wieħed ikun jista' jgħix u jiffunzjona fis-soċjeta'.

Ir-Rapport jissuġġerixxi li hemm bżonn li jinħolqu gwidi ċari dwar il-kompetenzi li l-għalliema għandhom bżonn biex ikunu jistgħu jgħallmu l-litteriżmu kemm lit-tfal żgħar kif ukoll lill-adulti. Barra minn hekk, naqblu perfettament li "it-taħriġ ma jiqafx ladarba l-għalliema żgħażagħ ikunu fil-klassi" (paġna 54). Sessjonijiet ta' Żvilupp Professjoali Kontinwu għandhom jintużaw biex l-għalliema jingħataw l-opportunita' biex "jirriflettu fuq ix-xogħol tagħhom fid-dawl ta' evidenza minn riċerka". Għodda oħra essenzjali li tista' tikkontribwixxi biex it-tagħlim tal-litteriżmu jsir aktar attraenti huwa l-użu akbar u tajjeb tal-ICT.

Aspett ieħor li għandu jkun ikkunsidrat huwa r-rwol jew is-sehem tal-għalliema tal-livell sekondarju fl-iżvilupp tal-litteriżmu. Irridu ninvestigaw aktar kif attivitajiet diġitali jistgħu jintużaw b'mod pożittiv biex inressqu lejn il-qari lil dawk l-istudenti li qegħdin jaqgħu lura u nerġgħu nħeġġu lil dawk l-istudenti li tilfu l-motivazzjoni u l-interess fil-qari biex jibdew jaqraw. Barra minn hekk għandha tingħata kunsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni li għalliema fil-livell sekondarju għandhom ikunu mgħejjuna biex jgħallmu l-litteriżmu tul il-firxa tas-suġġetti kollha.

## 3. IT-TEKNOLOĠIJA

Għalkemm għamilna passi ta' ġgant 'il quddiem fl-użu tat-teknoloġija hemm bżonn li nkomplu ninvestigaw l-impatt li t-teknoloġija qed ikollha fuq il-litteriżmu jew inkella kif it-teknoloġija tista' tiġi "użata" aħjar biex tgħin it-tagħlim u biex tkun aċċessata l-informazzjoni.

## 4. MONITORAĠĠ TAL-ISTANDARDS

Fattur ieħor li bla dubju ta' xejn jgħin biex jitjieb il-livell tal-litteriżmu hu l-monitoraġġ tal-istandards kemm fuq bażi nazzjonali kif ukoll fuq bażi internazzjonali. Għalkemm forsi hu ta' tħassib li "tikkompeti" fi studji internazzjonali bħal dawn, ir-riżultati jistgħu jgħinuna nidentifikaw fejn qegħdin – biex naraw il-kisbiet tagħna meta mqabbla ma' dawk ta' pajjiżi oħra, biex nanalizzaw bir-reqqa s-sistemi edukattivi li marru aħjar minna u possibilment niddiskutu magħhom u anke naddottaw aspetti minnhom li jistgħu jikkontribwixxu ħalli jtejbu l-istandards tagħna.

## 5. L-EDUKAZZJONI TAL-ADULTI

Bla dubju ta' xejn l-edukazzjoni tal-adulti hi aspett ċentrali fl-iżvilupp tal-litteriżmu – forsi hemm il-ħtieġa li nżidu l-ħidma tagħna biex is-soċjeta' tapprezza aktar l-importanza tal-edukazzjoni tal-adulti u b'hekk ngħinu lill-adulti jgħelbu l-mistħija jew l-eżitazzjoni li tista' tiġihom biex ikomplu jieħdu t-taħriġ li hu neċessarju.

Ir-Rapport fil-fatt jirrakkomanda li l-adulti għandhom ikunu offruti opportunitajiet biex anke fuq il-post tax-xogħol jiżviluppaw il-litteriżmu. Min iħaddem għandu jirrealizza l-benefiċċji li jiggwadanja jekk il-ħiliet fil-litteriżmu tal-impjegati jkunu msaħħa. Madanakollu hemm bżonn li jkun żgurat li l-għalliema nvoluti jkollhom il-kwalifiċi pedogoġiċi speċifiċi għat-tagħlim tal-adulti. Hu b'dan il-mod li l-adulti jistgħu jħossuhom mgħejjuna u nkoraġġuti l-aktar jekk it-tagħlim li jsir ikun relatat mas-sitwazzjonijiet ta' ħajjithom u mal-impjieġ tagħhom. Ir-Rapport isemmi wkoll it-tisħiħ tat-tagħlim tal-litteriżmu fi programmi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali.

## 6. IL-LITTERIŻMU TAL-FAMILJA

Il-Litteriżmu tal-Familja hu aspett ieħor li jisħaq fuqu r-Rapport u li għandu jiġi estiż aktar fl-iskejjel tagħna. Hawn Malta kellna l-esperjenza ta' numru ta' proġetti li rnexxew ħafna (fost l-oħrajn, dawk provduti mis-Servizz tal-SpLD u mill-FES). Issa għandna bżonn nikkunsidraw li dawn il-programmi jergghu jissahhu u nestenduhom ħalli jintlaħqu l-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex.

## 7. KONKLUŻJONI

Ir-Rapport jikkonkludi billi jistqarr li kien minħabba l-fatt li nifhmu li l-litteriżmu jwassal għal kwalita' ta' ħajja aħjar u minħabba l-għarfien dejjem jikber li kull impjieġ jitlob ħiliet ta' litteriżmu adegwati li sar essenzjali li l-imsieħba kollha jikkoperaw flimkien kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell internazzjonali. B'hekk ikun żgurat li ċ-ċittadini kollha jingħataw l-opportunita' biex jiżviluppaw sewwa l-ħiliet tagħhom tal-litteriżmu.

F'dan il-kuntest wiesa' bla dubju ta' xejn l-edukazzjoni obbligatorja għandha rwol ċentrali x'tilgħab biex tiżgura li kull student ikun ħakem il-ħiliet kollha tal-litteriżmu sakemm itemm l-iskola obbligatorja.

*Kull tifla u tifel jistgħu bi prinċipju jitgħallmu jiktbu u jaqraw (sommarju, paġna 6).*

Bħala kumment tal-għeluq, jien nemmen bi sħiħ li l-enfasi li d-Direttorati tal-Edukazzjoni qegħdin jagħmlu fuq il-kisba tal-ħiliet bażiċi fis-snin bikrin tal-Iskola Primarja hu mezz konkret biex jintlaħaq dan il-għan. U jalla li l-qafas tal-kurrikulu l-gdid jghin ukoll f'dan il-qasam. Id-daqs ta' pajjiżna joffrilna l-opportunita' li l-iskejjel tal-istat, tal-knisja u dawk indipendenti jaqsmu bejniethom il-prattici tajbin tagħhom. Għalhekk qed nistenna b'ħerqa dik il-parti ta' dan is-seminar fejn naqsmu flimkien il-prattici tajbin tagħna.